**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 19 ta' April, 2017**

Numru 3

**Rikors Guramentat Nru. 174/2016**

**Hal-Far Quarries Limited**

**vs**

**James Refalo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-4 ta' Marzu, 2016 li jghid hekk:

Illi l-intimat kien ingaggjat mas-socjeta esponenti u dam hekk ingaggjat sas-7 ta' Marzu 2014. Illi s-socjeta esponenti tiggestixxi barriera u xoghol l-intimat kien illi jpoggi fil-front office tal-barriera, li jzomm rendikont tal-bejgh ta' materjal tal-bini li kien jkun qed jsir mill-barriera, li johrog il-kontijiet relattivi u li jigbor u jiehu rendikont tal-pagamenti li jidhlu.

Illi d-diretturi kellhom fiducja ghamja fl-intimat tant illi ghal hafna zmien qatt ma dahlilhom f'mohhom li seta' kien hemm mizapproprjazzjoni ta' pagamenti li kienu qed jsiru ghall-materjal tal-bini mibjugh mill-barriera.

Illl wara xi zmien li kien ilu ingaggjat l-intimat kien gie nutat illi ma kienux qed jigu registrati xi entrati ta' materjal ta' bini mibjugh mill-barriera lill-terzi fuq il-kotba tal-kumpanija.

Kien biss wara investigazzjoni interna li saret li rrizulta illi r-raguni ghad-diskrepanzi li kienu qed jigu rregistrati fil-kotba tal-barriera kienet proprju tirrizulta minhabba illi l-intimat kien qed jonqos milli jirregistra xi bejgh tal-materjal u kif ukoll jonqos milli jirregistra l-pagamenti relattivi ghall-istess.

Illi mill-istess investigazzjoni rrizulta illi kien qed jkun hemm l-mizapproprjazzjoni ta' flejjes u pagamenti da parti tal-intimat.

Illi d-direttur tas-socjeta esponenti, Francis Schembri, ghan-nom tal-istess kien ghamel rapport lill-pulizija fejn fost affarijiet ohrajn ghaddielhom cheque miftuh li kien inghata minn klijent tal-barriera lill-intimat bhala hlas ghall-materjal tal-bini mibjugh mill-barriera, li kien inzamm mill-intimat u li ma kienx gie registrat fost l-entrati tal-pagamenti, kollox kif jigi spjegat iktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

IIli minhabba li fil-kors tal-investigazzjoni tal-kumpanija rrizulta illi dan is-serq jew mizapproprjazzjoni kien qed jsir fuq medda ta' xhur, is-socjeta esponenti hasbet sabiex tibda thejji rapport dwar il-materjal tal-bini kollu li kien qed jigi maqtugh mill-barriera fl-ahhar xhur tal-impjieg tal-intimat maghha, il-bejgh li sar matul dak iz-zmien, id-diskrepanzi fil-bejgh ta' bejn id-dati meta l-intimat kien jkun ghax-xoghol u d-dati meta ma kienx, u l-progress fil-bejgh li ghamlet il-barriera fiz-zmien meta l-intimat ma kienx ghadu mpjegat mar-rikorrenti, sabiex permezz tal-istess rapport tkun tista' tohrog cifra tal-ammont illi gie misruq jew b'mod iehor mittiehed illegalment mill-intimat b'dannu ghar-rikorrenti. Dan ir-rapport li ghalkemm sar kwazi x-xoghol kollu fuq, ghadu ma giex ikkompletat u ghaldaqstant ma setax jigi anness f'dan l-istadju.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex in vista tal-premezz:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat, sakemm dam impjegat mas-socjeta rikorrenti mizapproprja jew ha illegalment flejjes u pagamenti li kienu destinati ghas-socjeta esponenti;

2. Tillikwida l-ammont hekk mizapproprjat u dana jekk hemm bzonn permezz ta' periti li jigu nnominati ghal dan l-iskop;

3. Konsegwentement tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti in linea ta' danni dik is-somma li tigi hekk illikwidata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat kif ukoll bl-ispejjez li r-rikorrenti kienet kostretta tidhol ghalihom biex tkun tista' ggib il-prova tas-serq u l-mizapproprjazzjoni ppercepita kontra taghha u wkoll bl-ispejjez legali li kienet kostretta thallas u ghad trid thallas 'il quddiem bhala parte civile fil-kawza kriminali li ghad trid tigi miftuha minnha kontra l-intimat, u bl-ingunzzjoni tal-intimat ghas-subizzjoni u bl-imghaxxijiet legali.

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa’ kontumaci;

Rat l-atti u semghet it-trattazzjoni;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn is-socjeta attrici li kienet timpjega lil konvenut qed tallega li fil-kors tal-impjieg tieghu, il-konvenut ha ghalih flus appartenenti lis-socjeta attrici u li ghalhekk qed titlob li l-istess konvenut irodd lura dawn il-flejjes mehuda minnu indebitament a dannu tal-istess socjeta attrici.

In tema legali jinghad li l-azzjoni attrici tinbena fuq il-parametri tal-azzjoni delittwali u l-effetti li jitnisslu minnha. L-artikolu 1033 tal-Kodici Civili jippreskrivi illi:

> Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk.

Huwa stabbilit fil-gurisprudenza li l-elementi rikonoxxuti ta' azzjoni delittwali huma tlieta: "(1) un fatto illecito (2) l'imputabilita' di questo fatto al suo autore (3) un danno cagionato da questo fatto" (**Baudrie Lacantinerie: Delle Obbligazioni**, Vol. IV p.555).

Wiehed ghandu jzomm f'mohhu li l-ligi stess tipprovdi li l-proceduri kriminali u dawk civili, dwar l-istess fatt, jitmexxew ghal rashom. Fil-kawza **Carmelo Camilleri vs Gejtu Cassar**, deciza fl-1 ta' Dicembru 1955, inghad hekk:

> Mill-principju sancit fl-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali, jigifieri tal-ezercizzju taz-zewg azzjonijiet, tidderiva biss il-konsegwenza illi l-provi tal-azzjoni simili ghandhom isiru ex integra quddiem il-Qorti Civili kompetenti, u dawk tal-azzjoni kriminali; anke ex integra quddiem il-Qorti Kriminali; pero xejn ma josta illi jsir il-konfront bejn dawk il-provi, ghall-fini ta' attendibilita' taghhom u tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja.

Minbarra dan, huwa maghruf u accettat li l-grad tal-prova li ghandha ssir fiz-zewg proceduri hija differenti wkoll. Kif kellha okkazjoni din il-Qorti, diversament preseduta, tafferma fis-sentenza taghha tat-28 ta' April 2004, fl-ismijiet **Giordmaina Medici vs Rizzo**:

> ... il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet.

Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence Cauchi et vs Dr Patrick Spiteri et** deciza fil-11 ta' Novembru, 2011, inghad mill-Qorti tal-Appell illi:

> Fil-kamp civili l-gudikant ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex u mhux fuq semplici possibiltajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet. Dak li hu necessarju hu jekk spjegazzjoni hix verosimili.

Il-Qorti ghandha taghti l-gudizzju taghha fuq dak li jirrizultaha mill-atti. Inoltre kif ritenut minn din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza taghha tas-26 ta' Settembru, 2013, fl-ismijiet **Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**:

> illi huwa accettat li biex persuna tista' tinsab responsabbli ghall-hsara li haddiehor ikun garreb bl-ghemil ta' dik il-persuna, m'huwiex mehtieg li l-ghemil wahdu ta' dik il-persuna ikun il-kawza wahdanija tad-dannu mgarreb, ghaliex bizzejjed jintwera s-sehem ta' dik il-persuna bin-negligenza jew bir-rieda taghha biex jintrabat maghha l-piz tar-responsabbilta' ghal dak li jkun gara. Izda biex is-sehem ta' dik il-persuna jnissel il-htija u r-responsabbilta' li tigi maghha, jehtieg jintwera (mill-parti li tallega d-dannu u bi prova tajba kif tistenna l-ligi) li dik il-htija nisslet id-dannu attwalment imgarrab u li tali dannu jkun imkejjel u ppruvat b'mod cert. Ir-rabta tal-kawzalita hija mehtiega tabilfors;

Filwaqt li din il-Qorti taqbel fis-shih ma' dawn il-principji u taghmilhom taghha, jinghad ukoll li fil-kaz odjern jehtieg li l-parti attrici mhux biss tipprova l-fatt jew l-eghmil li bih tixli lill-konvenuti, izda wkoll li kien l-eghmil tieghu, li wassal ghall-hsara mgarrba minnha.

Id-direttur tas-socjeta attrici Frank Schembri jixhed li s-socjeta ghandha barriera fejn klijenti jigu bit-trakkijiet biex jixtru materjal ta' ramel u zrar skond il-piz. Meta t-trakk jitghabba u jintizen il-materjal, il-klijent jinzel l-ufficju jhallas. L-impjegati fl-ufficcju kellhom struzzjonijiet li ta' kuljum jibaghtu l-flus kollha li jigbru fl-ufficcju principali. Il-konvenut kien l-iskrivan hekk impjegat. Il-konvenut kien ilu impjegat xi snin mal-kumpanija. Ix-xhud qal li wara xi zmien innota li l-barriera ma baqghetx trendi bhal qabel avolja l-klijenti baqghu l-istess u anki l-prezzijiet. Ghalhekk ghamel erbat ijiem in fila jinzel fil-barriera ad insaputa tal-haddiema biex jara x'kien qed jigri. Hu ha rendikont ta' klijenti li dahlu fil-barriera u dak li hadu. In partikolri innota klijent partikolari li ha sitt vjaggi li jiswew Lm60 il-wiehed. Kien jaf li dan ihalli cheque u jimtela mill-iskrivan malli jghabbi l-ahhar vjagg. Il-konvenut kien inghata c-cheque

dakinhar. Meta ra dak li kien baghat bhala flus il-konvenut fl-ufficcju principali innota diskrepanzi kbar f'dak li suppost kellu jkun id-dhul u ghalhekk ghamel rapport fl-ghassa ta' B'Bugia u kecca lil konvenut minnufih. Wara li tkecca u fittex fil-kxaxen tal-konvenut sab ic-cheque vojt li kien halla l-klijent li ha sitt vjaggi xi erbat ijiem qabel. Innota mid-dikrepanzi illi l-konvenut ma kienx inizzel il-kwantitajiet kollha li kienu jiehu l-klijenti u kien jibghat l-ufficcju principali l-flus li kienu jidhru fil-ktieb tal-bejgh li kien jimla hu stess. Zied li kien hemm diskrepanzi bejn l-ammonti li kien qed jidher li jbiegh il-konvenut ma dak li kien jinbiegh.

Rodianne Bonnici, senior accounts clerk mas-socjeta attrici xehdet li l-konvenut beda jahdem f'Lulju 2009 u spicca f'Marzu 2014. Il-barriera kienet ilha miftuha mill-1998. Spjegat li bhala skrivan kien jigbor il-flus tal-materjal li jghabbu l-klijenti mill-barriera, hafna minnhom cash sales fi flus kontanti. Hu kien inizzel kollox fuq karta bhala rendikont u jigi l-ufficcju principali bil-karta u l-flus. Hu biss kien inkarigat f'dan ix-xoghol ghax haddiema ohra fil-barriera kienu labourers. Spjegat illi jsiru cash sales ghax il-maggor parti tal-materjal jittiehed ghal bzonnijiet tal-istess socjeta attrici u milli jibqa' jbieghu lil nies. Ghalhekk bhala bejgh il-volum hu dejjem l-istess circa €700 fil-gimgha. Hi esebiet rendikont ta' dak li qal li biegh il-konvenut mill-2009 sal-2013 kif ukoll esebiet rendikont tal-2008 u bejn l-2014 u l-2015 biex turi d-differenza fl-ammonti qabel u wara li telaq il-konvenut mix-xoghol. Esebiet dokumenti RB1 u RB2. Dawn id-dokumenti urew is-segwenti:

2008: €43,612.56
2009: €44,289.88
2008: €43,612.56
2010: €35,534.61
2011: €30,220.25
2012: €23,014.74
2013: €28,096.74
2014: €38,832.68
2015: €36,899.45

Il-Qorti tqis illi hemm diskrepanza qawwija partikolarment bejn is-snin 2011 u 2013 bejn dak li kien jinbiegh qabel l-impjieg tal-konvenut u wara li ntemm l-impjieg tieghu.

Il-Qorti tqis rilevanti hafna bhala element ta' prova l-ahhar tlett xhur tal-impjieg tal-konvenut cioe Jannar sa Marzu 2014 fejn il-konvenut dahhal medja €2,323 fix-xahar mentri fid-disa' xhur ezatt wara, il-medja saret €3,539 fix-xahar.

Il-Qorti tqis ukoll illi wara sitt xhur ta' impjieg tal-konvenut cioe minn Lulju 2009 ma kien hemm ebda tibdil fid-dhul. Izda fl-ewwel sena shiha ta' impjieg tieghu d-dhul naqas kwazi b'ghoxrin fil-mija u sal-2012 kien naqas bin-nofs komparat mac-cifri tal-2008 u 2009. Kif tnehha mill-impjieg id-dhul rega' beda jikber u ghalkemm ma lahaqx dak li kien fl-2008 u 2009 pero kien oghla minn dak tal-2010.

Hu minnu illi min jallega fatt irid jippruvah b'mod li l-Qorti tkun konvinta li x'aktarx dak li qed jigi allegat hu sostnut mill-fatti. Hu minnu wkoll illi l-kontumacja u silenzju tal-konvenut ma ghanhiex tittiehed bhala ammissjoni izda kontestazzjoni. Madankollu l-assenza tal-konvenut fil-proceduri u d-disinteress assolut tieghu f'dak li qed isehh ma jistax ma jigix kunsidrat mill-Qorti.

F'materja bhal ma hi din, il-Qorti tifehm li mhux facli li tingieb prova li turi b'mod assolut li l-konvenut kien qed jiddefrawda lil principal tieghu. Pero hi l-fehma tal-Qorti li l-preponderanza tal-provi taghti affidabilita u kredibilita lil verzjoni attrici. Hu fatt illi l-konvenut kien l-unika persuna impjegata biex jigbor il-flus mill-bejgh tal-materjal fil-barriera u kien hu biss inkarigat li jimla l-karta bil-bejgh u dhul u jghaddiha lil ufficcju principali flimkien mal-flus migbura. Hu fatt ukoll illi tul l-impjieg tieghu l-bejgh jew id-dhul naqas drastikament bla ebda spjegazzjoni plawsibbli meta tqis ix-xiehda mhix kontradetta tar-rapprezentati tas-socjeta attrici li l-klijenti ma naqsux u l-prezzijiet baqghu l-istess. L-ispjegazzjoni tas-socjeta attrici li l-konvenut ma kienx qed jghaddi dak li qed idahhal mill-bejgh li kien qed isir lis-superjuri tieghu hi wahda li ghandha mis-sewwa fuq bilanc ta' probabilita, u ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha ghax kull min jaghmel hsara lil haddiehor ghandu jirrispondi ghaliha u jaghmel tajjeb ghaliha.

Dan iwassal ghat-talbiet konsegwenzjali cioe likwidazzjoni u hlas tad-dannu rekat. Dwar dan ma hemmx prova certa da parti tas-socjeta attrici li difficilment taghmilha. Pero s-socjeta attrici tat rendikont tad-dhul fis-snin ta' qabel, waqt u wara l-impjieg

tal-konvenut. Dan ir-rendikont ihalli diskrezzjoni ekwitattiva f'idejn il-Qorti biex tikkwantifika arbitrio boni viri d-dannu b'mod gust. Il-Qorti qieset illi qabel l-impjieg u wara l-impjieg tal-konvenut cioe fis-snin 2008 sa Gunju 2009 u minn April 2014 sal-2015 id-dhul medju kien ta' €41,175 fis-sena. Mill-Lulju 2009 sa Marzu 2014 cioe meta kien impjegat il-konvenut, id-dhul medju kien ta' €30,880 fis-sena. Dan ifisser illi fil-perjodu li ghamel jahdem il-konvenut cioe erba' snin u disa' xhur kien hemm dikrepanza qawwija fid-dhul. Il-Qorti arbitrio boni viri tqis li t-telf li garbet is-socjeta attrici ghandu jigi kwantifikat fis-somma ta' €30,000. Il-Qorti tqis rilevanti f'dan l-aspett dak li qalet il-Qorti fil-kawza **Charles Attard vs Carmela Frendo** (PA 31/01/2003):

> Fic-cirkostanzi l-Qorti jidhrilha li ghandu jkun hemm temperament bl-applikazzjoni tar-regola stabbilita anke minn gurisprudenza maghrufa illi fejn il-provi fir-rigward tal-ammont tad-danni ma humiex tant lineari jew ben stabbiliti jew f'kaz ta' nuqqas ta' mezzi probatorji l-ammont ghandu jigi ffissat ex aequo et bono mill-gudikant (Vol. XXXV P III p 615).

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tikkundanna lil konvenut ihallas is-socjeta attrici s-somma ta' €30,000 in linea ta' danni, bl-imghax mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez kontra l-konvenut

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur